MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 308/2003

**Avviz numru 308/03 DM**

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jifformaw is-syndicates bin-numri 1245,510,727, 994, 990,183,807,570,1229 u 780 u Rausi Insurance Agency Limited u Rita Sultana**

**Vs**

**Angelo Caruana u b'digriet tas-27 ta' Mejju, 2004, l-isem Angelo gie sostitwit bl-isem David u Kenneth Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom ghall-hlas tas-somma ta' elf sitt mija u hamsa w'hamsin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm1,655.98) f'dawk il-porzjonijiet li jistghu jigu allokati mill-Qorti, u dan bhala rizarcment ta' danni subiti

fil-vettura CHR 747 proprjeta' ta' l-attrici Rita Sultana, assikurata ma' l-atturi taht polza 'comprehensive', liema atturi b'hekk huma surrogati fid-drittijiet taghha, hlief ghas-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) imhallsin mill-attrici bhala 'excess' ghal liema somma hi qed tifittex *de proprio* liema danni gew kawzati minnhom jew min minnhom f'incident tat-traffiku li sehh f'San Giljan, fit-3 ta' Frar, 2002, waqt li David Caruana kien qed isuq il-karozza LCC 093 u Kenneth Gatt kien qed isuq il-karozza KEN 178.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kenneth Gatt fejn eccepixxa illi:
1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx tort tieghu, izda unikament tort tal-konvenut l-iehor David Caruana, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-*quantum* tad-danni mitlub mill-atturi huwa eccessiv.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut David Caruana fejn eccepixxa illi :
1. It-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz ghandhom jigu respinti fil-konfront ta' l-eccipjenti, stante illi l-incident *de quo* sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut l-iehor Kenneth Gatt, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
.
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li kienet grat f' Regional Road, fil-limiti ta' San Giljan, fil-karreggjata illi twassal mid-direzzjoni ta' Paceville lejn il-Gzira u kienet grat fil-gurnata tat-3 ta' Frar, 2002, ghal habta ta' xi s-saghtejn u nofs ta' filghodu (2 :30 am) meta kienet xita u l-karreggjata kienet xi ftit tizloq.

Jirrizulta inkontestat illi meta wasal fuq il-post is-sewwieq Christopher Fenech, illi kien qed isuq il-vettura CHR 747, proprjeta' ta' l-attrici Rita Sultana, huwa sab diga vetturi weqfin fil-karreggjata tan-naha tal-lemin u ghalkemm ipprova jieqaf fil-pront, minhabba li t-triq kienet tizloq huwa habat mal-vettura li kienet wieqfa quddiemu.

Waqt illi dan Fenech kien hemm wieqaf giet fl-istess karreggjata u mill-istess direzzjoni il-vettura bin-numru LCC 093 misjuqa mill-konvenut David Caruana li, meta lemah il-vetturi weqfin quddiemu, bhal ma ghamel Christopher Fenech, applika l-*brakes*, izda billi t-triq kienet tizloq huwa skiddja u, kif huwa isostni, lahaq waqaf qabel ma laqat il-vettur ta' l-attrici Rita Sultana, ezattament quddiemu.

Ftit mumenti aktar tard wasal il-konvenut l' iehor Kenneth Gatt, provenjenti mill-istess direzzjoni u fuq l-istess karreggjata bhas-sewwieqa ta' qablu. Dan sab ukoll l-ostakolu fil-karreggjata tieghu, applika l-*brakes,* il-vettura skiddjatlu, ha azzjoni evasiva, izda xorta wahda laqat il-vettura ta' David Caruana. F'din l-ahhar kuntatt, billi l-habta kienet xi ftit angolata bil-kantuniera tal-lemin ta' quddiem ta' Gatt, mal-kantuniera ta' wara tax-xellug tal-vettura ta' Caruana, il-vettura tal-konvenut Gatt bin-numru KEN 178 spiccat f'nofs il-karreggjata u giet spostata lejn ix-xellug estrem tat-triq sabiex ikun jista' jghaddi t-traffiku l' iehor li kien gej minn warajhom.

Fejn ma jaqblux il-persuni nvoluti huwa dwar il-fatt jekk il-konvenut David Caruana kienx effettivament, kif qed isostni, lahaqx waqaf qabel ma habat mal-vettura ta' l-attrici Rita Sultana, u jekk il-velocita' tal-konvenut Kenneth

Gatt kienetx kif qed isostni hu ta’ erbghin jew hamsin kilometri fis-siegha (40/50kfs) jew kienetx velocita’ iktar elevata li setghet ikkawzat il-maggor parti tad-danni sofferti.

Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tal-konvenut David Caruana illi huwa kien lahaq waqaf u li l-karozza tieghu ghamlet kuntatt mal-vettura ta’ l-attrici Sultana bid-daqqa li qalghet minghand il-karozza misjuqa mill-konvenut Gatt, jirrizulta li, *a tempo debito,* fuq il-post ta’ l-incident huwa kien stqarr ma’ l-ufficjal li kien investiga l-kaz illi huwa kien effettivament habat mal-vettura ta’ Rita Sultana qabel l-iskontru tal-vettura l’ ohra fuq wara.

Inoltre Christopher Fenech, li kien qed isuq il-karozza ta’ Rita Sultana u li ghandu nteress limitat fl-esitu ta’ dawn il-proceduri, jsostni, anzi jaccerta, illi ma kienetx habta wahda illi kien hemm fuq wara tal-vettura ta’ Sultana, izda jikkonferma illi huwa zgur li kienu zewg vetturi li habtu wara l-vettura ta’ Sultana u jikkonferma illi, waqt li kien gol-vettura huwa hass zewg daqqiet zgur.

Dawn il-provi ghalhekk huma sufficjenti biex wiehed jista’ jistabbilixxi illi, nonostante l-impressjoni li seta’ sviluppa David Caruana wara li ghadda xi zmien mid-data ta’ l-incident, jirrizulta illi effettivament kif stqarr huwa stess *a tempo debito* huwa ma kienx lahaq waqaf fil-hin u kien habat mal-vettura ta’ l-attrici Sultana qabel ma l-karozza tieghu giet investita minn dik misjuqa minn Kenneth Gatt.

Ghal dak li jirrigwarda l-velocita’ li biha kien qed isuq il-konvenut Kenneth Gatt, anke hawnhekk wiehed irid joqghod fuq dak li jallega Christopher Fenech. Dan isosstni li Gatt kien qed isuq b’ velocita’ eccessiva u li fi kliemu stess ‘’ **dan laqat lil ta’ wara u sammarna lkoll go xulxin**’’.

Ghalhekk jirrizulta illi ghal hsarat illi sofriet il-vettura ta’ Rita Sultana u li ghaliha ghamlu tajjeb l-atturi assikuraturi, a bazi tal-polza ta’ assikurazzjoni comprehensive, huma responsabbli t-tlett sewwieqa involuti li huma Christopher

Fenech, is-sewwieq tal-vettura ta’ Rita Sultana u z-zewg konvenuti David Caruana u Kenneth Gatt.

Il-Qorti ghalhekk trid, wara li tasal biex tillikwida ezattament f’xiex kienu jikkonsistu d-danni li sofriet il-vettura ta’ l-attrici li ghaliha ghamlu tajjeb l-atturi l’ ohra, tirripartixxi dawn id-danni bejn it-tlett sewwieqa nvoluti a bazi tal-grad ta’ responsabbilita’ taghhom li jista’ jirrizulta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghalkemm l-atturi fl-avviz qed jitolbu somma komplessiva ta’ elf sitt mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tmienja u disghin centezmi (LM 1,655.98 c), jirrizulta mid-deposizzjoni tal-C*laims Manager* John Tabone, illi effettivament is-somma globali illi giet imhallsa biex giet riparata il-vettura ta’ l-attrici l’ ohra Rita Sultana u biex thallsu id-drittijiet ghas-survey li sar minn Mario Cumbo u ghar-rapport tal-pulizija, kienet tammonta ghal elf, erba’ mija, hamsa u hamsin lira Maltin u tmienja u disghin centezmi (LM 1,455.98c). Pero’ mid-deposizzjoni tas-surveyor Mario Cumbo u minn notamenti tieghu (a fol 40 tal-process) jirrizulta illi s-somma komplessiva illi giet imhallsa mill-kumpannija assikuratrici attrici ghar-riparazzjonijiet tal-vettura kienet tammonta biss ghal elf, tlett tmija, erbgha u hamsin lira Maltin u disghin centezmu (LM 1,354.90 c) li unita mat-tnax-il lira (LM 12) drittijiet tas-survey u tlett liri (LM3) ghar-rapport tal-pulizija, twassal ghas-somma totali ta’ danni ta’ elf, tlett mija, disgha u sittin lira u disghin centezmu (LM 1,369.90 c).

L-istess surveyor mbaghad biex jiffacilita’ l-kompitu ta’ din il-Qorti, qasam ukoll id-danni billi elenka l-ispiza ghal riparazzjonijiet u spare parts fejn jirrigwarda l-parti ta’ quddiem tal-vettura ta’ l-attrici u stabbilixxa illi dawn il-parts u tiswijiet ammontaw komplessivament ghas-somma ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (LM 750), waqt li l-ispiza ghar-riparazzjonijiet tal-parti ta’ wara u ghall-valur tal-parts mibdula kien specifika s-somma ta’ hames mija u erbghin lira Maltin (LM540).

Il-Qorti mill-ewwel tistabbilixxi illi Christopher Fenech m’ghandux jkun implikat f’ebda responsabbilita’ fejn

tirrigwarda l-hsarat li l-vettura ta’ Sultana sofriet fuq in-naha ta’ wara, izda ghandu jkun implikat biss ghar-responsabbilita’ ta’ dawk id-danni li din il-vettura garrbet fuq quddiem u tistabbilixxi illi, ghal dawn l-ispejjez u hsarat relattivi, Christopher Fenech ghandu jigi meqjus li huwa responsabblifi grad biss ta terz (1/3).

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tiddecidi illi d-danni totali li ghalihom il-konvenuti jistghu jinstabu responsabbli u li dwarhom l-atturi setghu jagixxu fil-konfront taghhom ghandhom jigu ridotti b’ somma ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (LM 250), li hija ekwivawenti ghal terz (1/3) ta’l-ispiza totali ghar-riparazzjoni ta’l-parti ta quddiem ta’ vettura ta’ l-attrici Sultana.

Ghalhekk tillikwida l-ammont massimu li ghalih il-konvenuti jistghu jigu ritenuti responsabbli fis-somma ta’ **elf, mija u ghoxrin lira Maltin (LM 1,120)**.

Ghal dak li jirrigwarda l-grad ta’ responsabbilita’ ta’ kull wiehed mill-konvenuti, il-Qorti bilfors trid tikkonsidra il-fatt illi l-velocita’ eccessiva tal-konvenut Kenneth Gatt bilfors garrbet iktar hsara fil-vettura ta’ l-attrici minn dik ikkawzata bl-impatt ikkawzat mill-konvenut Caruana, tenut kont ta’ dak li xehed l-imsemmi Christopher Fenech fejn oltre l-emfasi fuq il-velocita’ tal-konvenut Kenneth Gatt iddeskriva dan l-ahhar impatt bhala l-iktar qawwi.

Il-Qorti pero’ tiehu in konsiderazzjoni wkoll illi l-iskontru bejn il-vettura ta’ Gatt u dik ta’ Caruana ma kienx wiehed ezattament fl-istess linja dritta, quddiem ma wara, izda kien angolat u jinvolvi l-kantuniera tal-lemin ta’ quddiem tal-vettura ta’ Gatt mal-kantuniera ta’ wara tax-xellug tal-vettura ta’ Caruana. Dan wassal biex l-impatt ma kienx assorbixxa il-velocita’ totali tal-vettura ta’ Gatt li infatti ma waqfitx fuq il-post u anzi pprocediet ghal nofs it-triq.

Mehuda in konsiderazzjoni dawn il-fatturi, il-Qorti tistabbilixxi illi r-responsabbilita’ bejn iz-zewg konvenuti ghandha tigi ripartita in kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghal konvenut Kenneth Gatt u terz (1/3) ghal konvenut David Caruana.

Ghaldaqstant dawn iz-zewg sewwieqa ghandhom ihallsu lill- atturiid-danni rizultanti in kwantu ghal zewg terzi mis-somma ta’ elf mija u ghoxrin lira Maltin (LM 1,120) ghal konvenut Kenneth Gatt, ammontanti ghal seba’ mija, sitta u erbghin lira Maltin (LM 746) bil-bilanc ta’ tlett mija u erbgha u sebghin lira Maltin (LM 374) dovuti mill-konvenut David Caruana.

Ghaldaqstant tiddisponi mit-talba attrici billi, filwaqt illi tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut,i tillikwida d-danni totali li ghalihom il-konvenuti huma responsabbli fis-somma ta’ elf, mija u ghoxrin lira Maltin (LM 1,120) u tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu dawn id-danni lil atturi in kwantu ghal seba’ mija, sitta u erbghin lira Maltin (LM 746) mill-konvenut Kenneth Gatt u tlett mija u erbgha u sebghin lira Maltin (LM 374) mill-konvenut David Caruana.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez, tordna illi dawn jithallsu in kwantu ghal kwart (1/4) mill-atturi, kwart (1/4) mill-konvenut David Caruana u nofs (1/2) mill-konvenut Kenneth Gatt.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------